# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Nazzareno Tanti**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Nazzareno Tanti**, li għandu l-karta tal-identita bin-numri 432777M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli nhar it-28 ta' Ġunju 2014 għall-ħabta tal-23:00 ġewwa Misraħ il-Vittmi, is-Siġġiewi espona jew biegħ porvli tal-isparar jew esplussiv ieħor fit-toroq jew ta porvli tal-isparar lil xi persuni li ma kellhomx liċenza kif preskritt skont din l-Ordinanza jew skont regolamenti magħmulin taħtha.

Rat l-atti u d-dokumenti ippreżentati;

Rat li l-imputat tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu inkluż fis-sens illi għar-reati li għadu kif ammetta għalihom jista' jingħata piena ta' priġunerija u / jew multa u wara li

tagħtu ftit taż-żmien sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti rat li fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat tqis li ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti tqis ukoll li l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara fl-atti ta' din il-kawża li l-Imputat ikkopera bi sħiħ mal-Pulizija Eżekuttiva ai termini tal-Artikolu 43A tal-Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti għalhekk sejra tieħu in konsiderazzjoni din id-dikjarazzjoni tal-Uffiċjal Prosekutur meta tiġi biex teroga l-piena applikabbli.

## ***DECIDE*:**

li qiegħda ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-Artikoli 19, 29(1) u 43A tal-Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta' Malta tiddikjara lil Nazzareno Tanti, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Kwantu għall-piena il-Qorti rat id-dikjarazzjoni tal-Uffiċjal Prosekutur. Skont l-Artikolu 43A tal-Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta' Malta :

> **43A.** Fejn, rigward persuna li tinsab ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fl-atti tal-proċeduri li dik ilpersuna

> tkun għenet lill-Pulizija biex tinqabad il-persuna jew
> jinqabdu l-persuni li jkunu pprovdew lill-persuna misjuba ħatja lesplożivi,
> jew il-persuna misjuba ħatja kif qabel imsemmi tagħti
> prova għas-sodisfazzjon tal-qorti li tkun hekk għenet lill-Pulizija,
> il-piena għandha titnaqqas, rigward il-priġunerija bi grad wieħed
> jew tnejn u rigward kull piena pekunjarja, b'terz jew bin-nofs
> rispettivament.

Din il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-piena applikabbli għar-reat għandha tkun dik tal-multa u mhux ta' priġunerija – anke peress li din il-Qorti ma għandhiex diskrezzjoni fir-rigward ta' jekk il-piena karċerarja tkunx waħda sospiża jew le u l-Qorti hija wkoll prekluża milli timponi pieni alternattivi għal dik ta' ħabs u multa. Iżda l-Qorti għandha s-setgħa li timponi piena ta' multa imnaqsa bejn terz u nofs dak imsemmi fl-Artikolu 29(1). Issa f'dan il-każ, il-multa li għandha tiġi imposta f'dan il-każ hija bejn ħmistax il-elf euro (€15,000) u l-ħamsin elf euro (€50,000). Din il-Qorti tqis li t-tnaqqis fil-multa għandu jiġi impost fuq il-minimu tagħha jiġifieri fuq il-ħmistax il-elf euro (€15,000). Inoltre, fiċ-ċirkostanzi tal-każ tqis li l-piena tal-multa f'dan il-każ għandha tiġi mnaqsa bin-nofs.

Għaldaqstant tikkunanna lill-ħati għall-ħlas tal-multa fl-ammont ta' sebat elef u ħames mitt euro (€7500) li għandhom jitħalsu fi żmien tliet snin mid-data ta' din is-sentenza.

***Illum it-11 ta' Diċembru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***